# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 28 ta' Jannar 2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Justine Grech)**
**(Spettur Mark Mercieca)**

**vs**

**Godwin Gatt**

**Drogi Nru: 6/2019**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Godwin Gatt, u detentur ta' karta ta' identita b'numru 67471M.

Akkuzat talli nhar il-26 ta' Jannar 2019 u anka matul il-gimghat ta' qabel din id-data  gewwa dawn il-gzejjer, f'hinijiet differenti:-

1. forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura id-droga kokajina, speċifikata fl-ewwel skeda ta' l-ordinanza dwar il-mediċini perikoluzi, Kap 101 tal-liġijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew għall uzu ta' persuna/i mingħajr ma kellu liċenzja mill-President ta'

Malta mingħajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta li jforni id-droga u mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħrug mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt taqsima ta' l-Ordinanza imsemmija u mingħajr ma kellu liċenzja jew xorta oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regolamenti ta' l-1939 għall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluzi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta

2. Kellu fil-pussess tieghu id-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma' kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkustanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

3. Kellu fil-pussess tiegħu id-droga herojina speċifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-mediċini perikoluzi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma' kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħrug mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort' oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-

kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluzi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali ċirkustanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tiegħu

4. Aktar talli sar recidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b' diversi sentenzi moghtija lilu nhar, liema sentenzi sareu definittivi u ma jistghawx jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat jhallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-Ordni ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokuementi esebieti.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali, u min-naha l-ohra l-koperazzjoni ta'l-imputat mal-pulizija u l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri. Hadet in konsiderazzjoniukoll l-ammont u x-xorta tad-droga relattiva.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti 4 u 9 ta'l-Avviz Legali

292 tas-sena 1939 fuq ammissjoni ssib l-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah **tlett snin prigunerija u multa ta' elf Euro (€1,000)**.

In oltre u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qeghda tikkundanna ukoll lill-imputat biex **ihallas lir-Registratur ta' din il-Qorti l-ispejjez ta'l-esperti nominati** f'l-atti ta' l-inkjesta relattiva. F'dan ir-rigward u tenut kont ta'l-ammissjoni ta'l-imputat il-Qorti qed tordna lill-epserti nominati biex jieqfu f'l-inkarigu taghhom f'l-istadju li waslu.

In konkluzzjoni qed **tordna d-distruzzjoni tad-droga** formanti parti mill-atti ta' l-inkjesta, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u l-imsemmija droga tigi esebieti in atti, u dan taht il-harsien tar-Registratur ta' din il-Qorti li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Il-Qorti qed tirrakkomanda ukoll lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin biex tinghata kull ghajnuna lill-imputat biex ikun jista jeghleb il-vizzju tad-droga.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**